



Dokument ta' sessjoni

A9-0147/2024

22.3.2024

RAKKOMANDAZZJONI

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħħa l-oħra
(COM(2023)0791 – C9-0029/2024 – 2023/0464(NLE))

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Tomas Tobé

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġizlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġizlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM	8
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	9
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	10

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħħa l-oħra
(COM(2023)0791 – C9-0029/2024 – 2023/0464(NLE))**

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2023)0791),
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħħa l-oħra (08372/2023),
- wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0029/2024),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu ta' (...) dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħħa l-oħra,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4), u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,
- wara li kkunsidra l-ittra mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,
- wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A9-0147/2024),
 1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u l-membri tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku.

NOTA SPJEGATTIVA

Iffirmat fl-2000 għal perjodu ta' 20 sena, il-Ftehim ta' Cotonou, li jirregola r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Afrikani, il-Karibew u l-Paċifiku (AKP) ta' dak iż-żmien, kellu jiskadji fi Frar 2020. Filwaqt li n-negozjati għal Ftehim suċċessur intemmu f'Diċembru 2020, l-iffirmar tal-Ftehim seħħi biss f'Samoa fil-15 ta' Novembru 2023 minħabba dewmien ripetut.

Il-Ftehim ta' Samoa daħal fis-seħħi b'mod proviżorju f'Jannar 2024, u ntlaqa' tajjeb ħafna peress li l-ftehim il-ġdid jipprevedi qafas imsaħħa, modernizzat u aktar ambizzjuż għal kooperazzjoni li tmur lil hinn mill-kooperazzjoni tradizzjonali għall-iżvilupp. Il-Ftehim jibni fuq l-acquis importanti u jistabbilixxi qafas flessibbli mibni madwar Fondazzjoni komuni applikabbli għall-partijiet kollha u protokolli reġjonali mfassla apposta għall-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku rispettivament. Barra minn hekk, is-sħubija l-ġidida tibni fuq diversi ftehimiet internazzjonali u t-identifikasi l-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima bħala ofqsa ta' gwida ġenerali.

Il-Ftehim ta' Samoa huwa bbażat fuq sitt prioritajiet konġunti: id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-governanza; l-iżvilupp tal-bniedem u dak soċjali; it-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku inklużivi u sostenibbli; is-sostenibbiltà ambientali u t-tibdil fil-klima; u l-migrazzjoni u l-mobbiltà. Il-Ftehim ta' Sħubija l-ġidid joffri spazju msahħħa għad-djalogu u r-Rapporteur jilqa' d-dispożizzjonijiet dwar alleanzi globali u kooperazzjoni internazzjonali, biż-żewġ partijiet jenfasizzaw l-impenn tagħhom għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u għall-promozzjoni tad-djalogu internazzjonali u jfittxu soluzzjonijiet multilaterali biex imexxu 'l quddiem l-azzjoni globali.

Ir-Rapporteur jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati l-effettività u r-riżultati tal-iżvilupp u jilqa' l-Ftehim li jirrikonoxxi li l-meżżi ta' kooperazzjoni għandhom ikunu diversifikati, filwaqt li jinkludu firxa ta' politiki u strumenti, mis-sorsi u mill-atturi kollha disponibbli. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-Ftehim jeħtieġ li tīgi appoġġata minn baġit sinifikanti skont l-Instrument NDICI-Ewropa Globali u għandhom isiru sforzi biex jinżamm il-livell ta' appoġġ lejn is-sħab tal-AKP fis-snin li ġejjin.

Għandhom jiġu stabbiliti wkoll rabtiet b'saħħithom bejn il-Ftehim ta' Samoa u l-inizjattiva Global Gateway, li tniediet f'Diċembru 2021. Minħabba l-kobor tal-ħtiġijiet u l-livell ta' investimenti meħtieġ biex tīgi ssodisfata l-Aġenda 2030, ir-Rapporteur jemmen li huwa kruċjali li jiġu mobilizzati forom oħra ta' finanzjament għall-iżvilupp, li jeħtieġ li jiġu allinjati mal-objettivi tal-politika għall-iżvilupp.

Ir-Rapporteur jinsisti fuq l-importanza tad-diplomazija parlamentari fit-tishħiħ tad-djalogu politiku bejn l-UE u l-OSAKP. Ir-responsabbiltà demokratika jeħtieġ li tīgi żgurata fil-livelli kollha tal-Ftehim u hemm rwol importanti għall-Assemblea Parlamentari Konġunta OSACKP-UE u t-tliet Assembleji Reġjonali ġodda f'dan ir-rigward.

Il-Ftehim ta' Samoa jirrikonoxxi li l-impenn mal-partijiet ikkonċernati, notevolment l-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tas-settur privat, huwa integrali għal proċess informat sewwa tat-teħid tad-deċiżjonijiet u sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' din is-Sħubija. Ir-Rapporteur jitlob għalhekk l-istabbiliment rapidu ta' mekkaniżmu miftuħ u trasparenti għal kooperazzjoni strutturata sabiex tīgi żgurata l-parcipazzjoni effettiva tal-

partijiet ikkonċernati matul il-fażi ta' implementazzjoni tal-Ftehim.

F'konformità mal-Artikolu 218(6) tat-TFUE, hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew biex il-Kunsill jadotta deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-Rapporteur jirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.

**ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li irċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Professor Robert Dussey, Togo's Minister of Foreign Affairs, African Integration and Togolese Abroad, the OACPS' Chief Negotiator and Chair of the Ministerial Central Negotiating Group
European Commission
EEAS
European Investment Bank
European Economic and Social Committee
CONCORD Europe
DSW
UNICEF
ECDPM

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà eskużiva tar-rapporteur.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Ftehim ta' Šhubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra
Referenzi	05789/2024 – C9-0029/2024 – 2023/0464(NLE)
Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal appovazzjoni	19.2.2024
Kumitat responsabbi Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 11.3.2024
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET INTA 11.3.2024 11.3.2024
Rapporteurs Data tal-ħatra	Tomas Tobé 14.6.2021
Eżami fil-kumitat	24.1.2024
Data tal-adozzjoni	19.3.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 13 - : 1 0 : 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Barry Andrews, Stéphane Bijoux, Mercedes Bresso, Catherine Chabaud, Ryszard Czarnecki, Mónica Silvana González, Pierrette Herzberger-Fofana, György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Christian Sagartz, François Thiollet, Tomas Tobé, Miguel Urbán Crespo, Bernhard Zimniok
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Caroline Roose, Carlos Zorrinho
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sven Simon
Data tat-tressiq	22.3.2024

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

13	+
ECR	Ryszard Czarnecki, Beata Kempa
PPE	György Hölvényi, Rasa Juknevičienė, Christian Sagartz, Sven Simon, Tomas Tobé
Renew	Barry Andrews, Stéphane Bijoux, Catherine Chabaud
S&D	Mercedes Bresso, Mónica Silvana González, Carlos Zorrinho

1	-
ID	Bernhard Zimniok

4	0
The Left	Miguel Urbán Crespo
Verts/ALE	Pierrette Herzberger-Fofana, Caroline Roose, François Thiollet

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni